Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2010

Numru 342/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Paul Theuma**
**- omissis -**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Paul Theuma (bin Francis u Maria née Bartolo, imwieled fil-15 ta’ Awwissu 1968 u detentur tal-karta tal-identita nru. 232485 (M)) talli fit-28 ta’ Mejju 2007, ghall-habta tas-6:45pm fi Triq Parisott, Xaghra, Ghawdex (1) kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ ghajjat, glied u storbju, (2) hebb ghal Manwel Cassar bil-hsieb li jwegghu jew li jaghmillu hsara, u (3) ingurja lil Manwel Cassar bi kliem ;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-15 ta’ Settembru 2009 li

permezz taghha dik il-qorti lliberat lill-imsemmi Paul Theuma mit-tieni imputazzjoni izda sabitu hati skond l-ewwel u skond it-tielet imputazzjonijiet, ikkundannatu ammenda ta’ hamsa u ghoxrin euro (€ 25) ghal kull wahda minn dawn iz-zewg imputazzjonijiet (jigifieri total ta’ hamsin euro) u rabtet lill-istess Paul Theuma b’ garanzija skond l-Art. 383 tal-Kap. 9 fil-konfront ta’ Manwel Cassar ghal sena u taht penali ta’ mitejn u hamsin euro (€ 250) ;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-imsemmi Paul Theuma, minnu prezentat fil-25 ta’ Settembru 2009, li permezz tieghu talab ir-riforma tal-imsemmija sentenza, fis-sens li hu jigi liberat anke mill-ewwel u mit-tielet imputazzjonijiet kif ukoll minn kull piena ;

Rat l-atti kollha tal-kawza ; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum ; ikkunsidrat :

L-aggravju tal-appellant hu li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi.  Hu jishaq fuq id-diskrepanzi li hemm fid-deposizzjonijiet tad-diversi xhieda tal-prosekuzzjoni.

Din il-Qorti tosserva li fil-kaz ta’ incident, bhal dak meritu ta’ din il-kawza, li jinqala` f’ hakka t’ ghajn u ghal gharrieda, hu mistenni li jkun hemm xi divergenzi bejn id-diversi rakkonti, ghax kullhadd jirrelata dak li jkun laqat lilu.  Fil-kaz in dizamina, din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha toqghod fuq il-verzjoni moghtija mix-xhud George Sultana, versjoni grafika ta’ dak li sehh u li fiha l-istess Sultana kjarament qaghad attent li jiddeponi b’ mod kronologiku minghajr ma jzomm ma’ parti jew ohra.

Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti hi sodisfatta li l-appellant hu hati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni, anke jekk kien hemm element zghir ta’ provokazzjoni da parti tal-imsemmi Manwel Cassar.

Ghall-motivi premessi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.  Il-perijodu ta’ sena tal-precett skond l-Art. 383 jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------